MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 3/2001/1

**Joseph Galea**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors presentat fis-26 ta' Jannar, 2001 minn Joseph Galea fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha) li permezz tieghu allega li bis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Walter Spiteri) v. Joseph Galea* kienu gew lezi d-drittijiet tieghu

salvagwardati bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; ir-rikorrent talab ukoll lil dik il-Qorti li taghtih rimedju adegwat u principalment it-thassir tal-kundanna konfermata b'dik is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u kumpens xieraq ghall-vjolazzjoni jew vjolazzjonijiet sofferti.

B'sentenza moghtija fl-14 ta' Dicembru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta' l-imsemmi Galea, bl-ispejjez kontra tieghu.

Huwa qieghed ghalhekk jappella quddiem din il-Qorti. Biex wiehed jifhem ahjar din is-sentenza, ikun opportun li wiehed jimxi pass pass u jibda billi jara ezattament x'kienu l-imputazzjonijiet migjuba kontra r-rikorrent quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali (i.e. il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

1. Fil-Qorti tal-Magistrati ingiebu kontra Joseph Galea zewg imputazzjonijiet. L-ewwel wahda kienet li, f'data partikolari --

*"…fil-Fontana Kiosk, City Gate, Valletta bhala persuna registrata mad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa…naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa permezz ta'* cash register *li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fir-Regolament 10 ta' l-Avviz Legali 87 tal-1997 fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tar-Regolamenti 2, 3, 4 u 10 tar-Regolamenti tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Ricevuti Fiskali) (Avviz Legali 87 tal-1997), u l-Artikoli 39 u 62 (a) u (e), u 66(2) ta' l-Att nru XII tal-1997."*

It-tieni imputazzjoni kienet talli –

*"…fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew li jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa fuq bejgh ta'*

*provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tar-Regolamenti 2, 3 u 4 tar-Regolamenti tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Ricevuti Fiskali)…u l-Artikoli 39 u 62 (a) u (e), u 66 ta' l-Att nru XII tal-1997."*

X'inhi d-differenza bejn iz-zewg reati ipotizzati f'dawn iz-zewg imputazzjonijiet? Fl-ewwel imputazzjoni Galea qed jigi akkuzat li naqas li johrog ricevuta, mehtiega taht il-ligi (illum abrogata) tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa permezz ta' *cash register*; it-tieni imputazzjoni hi li hu naqas milli johrog tali ircevuta pero` mhux permezz ta' *cash register* izda f'ghamla ohra approvata mid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (ircevuti mahrugin manwalment minn *receipt book* provdut mid-Dipartiment koncernat, ez. meta l-*cash register* ikun bil-hsara, jew fil-kaz ta' xi bejjiegha li kienu ezenti milli jkollhom *cash register* – ara r-regolament 5 ta' l-A.L. 87/1997). L-ewwel imputazzjoni, inoltre, tinkludi r-responsabbilta` vikarja ta' Galea espressament. It-tieni imputazzjoni, invece, ma ssemmix il-kliem *"hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu"*, izda anke din it-tieni imputazzjoni kjarament tabraccja tali responsabbilta` vikarja – infatti f'din it-tieni imputazzjoni hemm referenza cara ghall-Artikolu 66 tal-Att XII ta' l-1997. Dana l-artikolu jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, ghar-responsabbilta` vikarja ta' direttur, *manager* jew ufficjal principali ta' "korp ta' persuni" ghall-ghemil jew nuqqas ta' tali kopr; u, fis-subinciz (2) tieghu, imbghad, jipprovdi ghar-responsabbilta` vikarja tal-persuna registrata ghall-ghemil jew nuqqas tal-impjegat jew tal-persuna li kienet qed tagixxi a nom tal-peruna registrata. Il-lokuzzjoni ta' dan it-tieni subinciz hi tali li ma hemmx ghalfejn li tali responsabbilta` vikarja tigi espressament imsemmija fl-imputazzjoni:

*"(2) Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq ta' l-impieg tieghu, jew minn xi persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegat sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima*

*bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innfishom kif ukoll mill-principal taghhom jew mill-persuna registrata; izda dak il-principal jew persuna registrata ma jkunux hatja ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igibu prova li ma kienux jafu u li ma setghux b'diligenza ragonevoli jkunu jafu b'dak l-ghemil jew nuqqas jew li huma ghamlu kull ma setghu sabiex izommu milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas."*

2. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ikkunsidrat iz-zewg imputazzjonijiet bhala alternattivi – evidentement jew tinhareg ricevuta permezz ta' *cash register* fiskali jew tinhareg b'mod manwali permezz ta' ricevuta mehuda mir-*receipt book* provdut lill-persuna registrata – huwa ovvju li l-ligi ma tippretendix li ghandhom jinhargu zewg ricevuti biz-zewg metodi. Dik il-Qorti lliberat lill-Galea mill-ewwel imputazzjoni izda sabitu hati skond it-tieni wahda, u kkundannatu multa ta' Lm350.

3. Galea appella mis-sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni. Quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili huwa ma pproduciex kopja tar-rikors ta' appell intavolat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali; bin-nota tieghu tal-21 ta' Marzu, 2001 (fol. 11) huwa strah fuq kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (fol. 12), kopja legali tad-deposizzjonijiet taz-zewg xhieda[1] li nstemghu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (fol. 14 u 15), u kopja legali tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (fol. 16 u 17). Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma sabet xejn x'ticcensura fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u konsegwentement irrespingiet l-appell ta' Galea u kkonfermat is-sentenza appellata.

4. Quddem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Galea allega li din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tilledi d-drittijiet tieghu protetti bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghax permezz taghha, skond hu, dik il-Qorti tat "interpretazzjoni estensiva" tal-ligi (u ghalhekk bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 7 imsemmi), kif ukoll ghax

[1] James Farrugia u Joseph Bartolo.

galadarba kien liberat mill-ewwel imputazzjoni, is-sejbien ta' htija fuq it-tieni imputazzjoni kien jammonta ghall-ksur tal-principju tan-*ne bis in idem* (Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni). Din il-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci dik il-parti tar-rikors tas-26 ta' Jannar, 2001 fejn ir-rikorrent jispjega l-ilment tieghu:

Jidher manifest li l-legislatur iddistingwa zewg reati – u t-tnejn dedotti kontra l-imputat rikorrenti. Fl-ewwel reat, li minnu gie liberat, jitkellem fuq ir-responsabbilta` tal-persuna registrata jekk hu jew l-impjegati tieghu jonqsu li jaghtu r-ricevuta. It-tieni reat jippostula r-responsabbilta` diretta tal-persuna [li] tonqos hi stess li taghti.

F'dan il-kaz il-provi kienu cari li kienet Simone Galea li ma tatx ricevuta.

Imma s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'interpretazzjoni estensiva sabet lil Joseph Galea hati li Simone Galea ma tatx ricevuta, u dan b'konferma ta' l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Mil-liberazzjoni fuq l-ewwel akkuza ma kien hemm l-ebda appell u ghalhekk saret definittiva u ma kienitx quddiem il-Qorti ta' l-Appell [Kriminali].

Minkejja dan, Joseph Galea ghalhekk gie misjub hati ta' reat li ma wettaqx, ghaliex wettqitu Simone Galea, u li dwar ir-responsabbilta` ghall-agir taghha gia kien liberat definittivament mill-Qorti tal-Magistrati. Dan jikkostitwixxi ksur tal-principju tan-Nec Bis in Idem protett mill-Kostituzzjoni fl-Artikolu 39 u vjolazzjoni wkoll ta' l-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea li ma tippermettix interpretazzjoni estensiva tal-element tar-reat biex ikopri fatti ohra mhux previsti mil-legislatur.

Fir-rikors tieghu ta' l-appell quddiem din il-Qorti (i.e. il-Qorti Kostituzzjonali) l-appellant Galea ma jzid sostanzjalment xejn ma din l-esposizzjoni; huwa semplicement jenfasizza fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg lil dana l-artikolu.

5. Huwa evidenti li l-appellant qieghed jagixxi fuq premessa zbaljata, filwaqt li qed jinjora cirkostanza importanti. It-tieni imputazzjoni ma kienitx tipotizza biss ir-responsabbilta` personali jew diretta tieghu, u dan kif spjegat fil-paragrafu numru 1 ta' din is-sentenza. Fl-istess waqt qieghed jinjora ghal-kollox li l-imputazzjonijiet kienu proposti (kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Magistrati) bhala imputazzjonijiet, u kwindi reati, alternattivi u dan ghar-raguni spjegata fil-paragrafu numru 2. L-appellant mhux b'xi mod jikkontesta li l-prassi tar-reati alternattivi – statutorjament sancita bl-Artikolu 508(2)(c) tal-Kodici Kriminali – tivvjola xi dritt fondamentali. Hu qed jilmenta biss mill-fatt li, skond hu, galadarba gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni ma setax jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni. Pero`, kif diga spjegat, il-"fatt"[2] li minnu gie lliberat – nuqqas ta' hrug minnu jew minn xi impjegat tieghu ta' ricevuta permezz ta' *cash register* fiskali ma hux l-istess "fatt" li tieghu instab hati skond ir-reat alternattiv ipotizzat fit-tieni imputazzjoni – in-nuqqas ta' hrug minnu jew minn xi impjegat tieghu ta' ricevuta fiskali b'mod manwali. Ghalhekk ma tqum ebda kwistjoni ta' *ne bis in idem* u konsegwentement ma hemmx lok ta' approfondiment aktar a bazi ta' l-imsemmi Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

6. Huwa veru, kif gustament jghid l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu quddiem din il-Qorti, li l-Prim Awla tat interpretazzjoni restrittiva wisq ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. In fatti l-ewwel qorti llimitat ruhha biex tghid semplicement li l-Artikolu 7 ma ghandu x'jaqsam xejn man-*ne bis in idem* (li dwaru jitkellem espressament l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7, liema Protokoll ma giex iffirmat, wisq anqas ratifikat, minn Malta, u li ghalhekk ma hux inkorporat bhala parti mill-Kap. 319), u ghaddiet semplicement biex tirriproduci testwalment is-subartikolu (1) tieghu[3]. Infatti ghall-ewwel qorti din id-

---

[2] Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali (li dejjem gie ritenut li japplika kemm ghal meta jkun hemm liberazzjoni – *autrefois acquit* – kif ukoll ghal meta jkun hemm sejbien ta' htija – *autrefois convict*).

[3] "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin

disposizzjoni tfisser biss *"no punishment without law".* Kif gie ritenut, pero`, mill-Qorti Ewropea fis-sentenza tat-22 ta' Novembru, 1995 fil-kaz *CR v. United Kingdom*[4]:

The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is permissible under Article 15 in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its objects and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment.

Accordingly, as the Court held in its *Kokkinakis v. Greece* judgment of 25 May 1993 (Series A No 260-A, p. 22, para 52) Article 7 is not confined to prohibiting the retrospective application of the criminal law to an accused's disadvantage: it also embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege) and the principle that the criminal law must not be extensively contsrued to an accused's detriment, for instance by analogy. From these principles it follows that an offence must be clearly defined in the law. In its aforementioned judgment the court added that this requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable. The Court thus indicated that when speaking of 'law' Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises written as well as unwritten law and implies qualitative requirements, notably those of accessibility and foreseeability (see, as a recent authority, the *Tolstoy Miloslavsky v. UK* judgment of 13 July 1995, Series A No 316-B, pp 71-72, para 37).

---

meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar."

[4] A.335-C.

However clearly drafted a legal provision may be, in any system of law, including criminal law, there is an inevitable element of judicial interpretation. There will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changing circumstances. Indded, in the United Kingdom, as in other Convention States, the progressive development of the criminal law through judicial law-making is a well entrenched and necessary part of legal tradition. Article 7 of the Convention cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen.[5]

7. Din il-Qorti rriproduciet estensivament minn din is-sentenza tal-Qorti ta’ Strasbourg biex tfisser li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprotegi anke, kif gustament jghid l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu quddiem din il-Qorti, minn interpretazzjoni estensiva li ddahhal fl-ambitu taghha dak li ma kienx previst mill-ligi. Pero` fil-kaz in dizamina, ma kien hemm ebda tali interpretazzjoni estensiva la mill-Qorti tal-Magistrati u anqas mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. L-imputazzjonijiet kienu cari bizzejjed; l-appellant (imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u appellant quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kien jaf, jew sata jkun jaf bl-assistenza ta’ l-avukat tieghu, ben tajjeb x’kienu l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ir-reati ipotizzati f’dawn l-imputazzjonijiet u r-rekwiziti ghas-sejbien ta’ htija. Il-ligi, minn naha taghha, kienet cara, u l-kriterji tar-responsabbilta` penali, inkluza r-responsabbilta` vikarja kif aktar ‘l fuq spjegat f’dan il-gudikat, kienu cari. Ma kien hemm ebda arbitrarjeta` la fil-prosekuzzjoni u anqas fil-proceduri quddiem iz-zewg Qrati ta’ Gustizzja Kriminali, jew fil-pronuncjamenti taghhom. Ghalhekk anqas ma kien hemm lezjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

---

[5] Mowbray A., **Cases and Materials on the European Convention on Human Rights**, Butterworths (London), 2001, pp. 336-337. See also Ovey C. and White R., **Jacobs and White: European Convention on Human Rights**, OUP, 2002, p. 187.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellant Joseph Galea.

--------------------------------TMIEM--------------------------------